MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 178/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Philip-Mario Chircop**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Philip-Mario Chircop talli fit-12 ta’ April 2006, ghall-habta ta’ l-10.45 a.m., f’Xatt Cangaturi, u/jew fi nhawi ohra, gewwa l-Marsa:

1. Ikkommetta serq ta’ vettura tal-marka Ford Fiesta, numru tar-registrazzjoni BHQ-063 liema serq hu aggravat bil-valur li jeccedi l-elf liri Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. Saq vettura nru. BHQ-063 fi triq jew post pubbliku minghajr ma kien kopert b'polza t'assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;

3. Saq vettura nru. BHQ-063 b'velocita` eccessiva, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u/jew b'nuqqas ta' hila fis-sewqan, u/jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku; u/jew b'manjieri perikoluza;

4. Saq jew ipprova jsuq jew xort'ohra kellu taht il-kontroll tieghu vettura nru. BHQ-063, fi triq jew f'post pubbliku, meta ma kienx f'pozizzjoni li jsuq minhabba xorb u/jew droga;
5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

6. Saq vettura numru BHQ-063 minghajr licenzja tas-sewqan[1];

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-imsemmi Philip-Mario Chircop, saitu hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrieh, u kkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2), sospizi ghal erba' (4) snin, taht supervizjoni ta' ufficjal tal-Probation;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fid-19 ta' Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija u s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan izda minflok sentejn prigunerija sospiza ghal erba' snin, il-prigunerija ta' sentejn tkun effettiva u mhux sospiza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

---

[1] Imputazzjoni mizjuda b'digriet ta' l-20 ta' April 2006.

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant Avukat Generali huwa wiehed semplici: li l-ewwel Qorti, bl-ammissjoni ta’ l-appellant (allura imputat) ghall-imputazzjoni ta’ recidiva, ma setghetx taghti sentenza ta’ prigunerija sospiza peress illi dan hu prekluz mis-subartikolu (7) ta’ l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Effettivament il-ligi f'dan ir-rigward hija <u>carissima</u> u <u>inekwivoka</u>. Is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali jiddisponi li ordni li permezz taghha sentenza ta' prigunerija tigi sospiza “<u>ma ghandux isir</u> … <u>(b)</u> <u>meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini ta' l-artikolu 50</u>” (sottolinear tal-Qorti). L-appellant gie akkuzat li bir-reati addebitati lilu sar recidiv u fis-seduta ta’ l-20 ta’ April 2006 quddiem l-ewwel Qorti ammetta l-imputazzjonijiet kollha inkondizzjonatament u dan wara li nghata zmien xieraq biex jikkonsidra l-ammissjoni tieghu. L-appellant kien assistit minn avukat difensur quddiem l-ewwel Qorti u, x’aktarx – kif jidher li qed jigri ta’ spiss – tali ammissjoni giet registrata bl-isperanza li l-ammissjoni bikrija tieghu twassal ghal sentenza leggera. Dak li sfugga lill-partijiet kien proprju illi fejn ikun hemm ir-recidiva skond l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, ma tistax tinghata sentenza ta’ prigunerija sospiza.

Fl-istess hin din il-Qorti ezaminat il-fedina penali ta’ l-appellant, ben konsapevoli minn dak li jiddisponi l-imsemmi artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, u cioe`:

**“Meta persuna kkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta’ dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista’ tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt.”**

Mill-fedina penali ta’ l-appellant ma jirrizultax illi l-appellant kellu kundanni ta’ prigunerija ta’ izjed minn hames snin u

l-itwal piena kienet ta’ tliet snin prigunerija b’sentenza tal-15 ta’ Marzu 1996. Dan ifisser li l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali seta’ kien applikabbli biss fir-rigward ta’ pieni skontati jew mahfura sa hames snin qabel it-12 ta’ April 2006, data tar-reati odjerni. Issa, mill-istess fedina penali jidher illi l-pieni kollha nflitti fuq l-appellant gew skontati certament aktar minn hames snin qabel id-data tad-delitti odjerni u konsegwentement l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali ma kienx applikabbli f’dan il-kaz. Ghalhekk l-ewwel Qorti legalment setghet timponi fuq l-appellant sentenza ta’ prigunerija sospiza b’dan illi kellha ssib li l-appellant sar recidiv biss skond l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali u mhux ukoll skond l-artikolu 50, kif sejra taghmel din il-Qorti fl-interessi tad-dettami tal-ligi u tal-gustizzja. Inoltre sejra taghmel ordni ta’ supervizjoni kif previst mill-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati li sar recidiv skond l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, tiddikjarah mhux hati ta’ hekk u tilliberah minn tali imputazzjoni, u tikkonfermaha fil-kumplament (inkluz is-sejbien ta’ htija li sar recidiv skond l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali), u b’dan illi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza ta’ sentejn prigunerija jibda jiddekorri millum u li l-perijodu ta’ supervizjoni skond l-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali ghandu jkun ghall-perijodu operattiv kollu ta’ erba’ snin u skond l-ordni hawn anness.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------